MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 861/2012

**Licia Borg**

**Vs**

**HSBC Bank (Malta) plc, Bank of Valletta plc, APS Bank plc, Malta Stock Exchange plc, Lombard Bank Malta plc, Global Capital plc, Farsons Cisk plc, Tumas Investments plc u Rita Cassar imsejha fil-kawza b'digriet tas-27 ta' Settembru 2012.**

Din is-sentenza parzjali titratta l-eccezzjonijiet ulterjuri li tat Rita Cassar li kienet imsejha fil-kawza b'digriet tas-27 ta' Settembru 2012.

Permezz ta' kawza prezentata fid-29 ta' Awissu 2012 l-attrici qeghda titlob li l-qorti:-

*"1. Tiddikjara li l-attrici ghandha dritt li tirtira u tinkassa minghand kull persuna bank u awtorita' ohra kull somma ta' flus kapitali u titoli ta' fondi pubblici li jghajtu lil zewgha l-mejjet Philip Borg  u li huma soggetti ghal uzufrutt favur taghha skond id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Artikolu tat-testment tat-23 ta' Settembru 1996 atti Nutar Nicola Saliba.*

*2. Tordna lill-istess konvenuti intimati sabiex lir-rikorrenti attrici, matul hajjitha jawtorizzawha tirtira u tinkassa minn kull kont u investiment u kapitali u titoli ta' fondi, li jinsab depozitati ghand l-istess konvenuti f'isem il-mejjet zewgha Philip Borg kemm wahdu kif ukoll konvuntivament mal-attrici minghajr il-kunsens tal-eredi tal-istess zewgha."*.

Il-kwistjoni hi bejn omm (l-attrici) u bintha (l-imsejha fil-kawza). B'testment unica charta li sar fit-23 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-nutar Nicola Said, ir-ragel tal-attrici iddispona, flimkien ma' martu:-

*"It-testaturi Philip u Licia Borg jhallu lil xulxin cioe' dak li jmut l-ewwel lil dak li jibqa' haj u ghal tul hajtu kollha l-uzu u l-uzufrutt in generali ossia t-tgawdija tal-beni taghhom kollha mobili u immobbli, korporali u inkorporali prezenti u futuri, ezenti minn kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni; bil-fakolta' fit-testatur li jibqa' haj l-ahhar li jkun jirtira u jinkassa min ghand kull persuna, Bank u Awtorita' ohra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubblici soggetti ghal imsemmi uzufrutt*"[1].

B'rikors prezentat fit-22 ta' Frar 2013[2], l-imsejha fil-kawza talbet permess biex tressaq eccezzjonijiet ulterjuri. B'digriet tal-5 ta' Maru 2013[3] il-qorti laqghet it-talba.

L-eccezzjonijiet ulterjuri huma:-

[1] Fol. 7.
[2] Fol. 68.
[3] Fol. 69.

*1. Il-konvenuti qatt ma kellhom interess fil-kawza. Tant hu hekk li l-attrici cediet il-kawza fil-konfront taghhom ilkoll. Bis-sejha ex officio fil-kawza, il-qorti qeghda tirreintegra gudizzju li ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment, u qed issehh sostituzzjoni tal-konvenut originali. Sejha fil-kawza ghandha tigi milqugha biss biex jigi reintegrat il-procediment, izda dan m'huwiex dak li gara f'dan il-kaz. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*
2. *It-talbiet kif impostati fir-rikors mahluf u maghmula kontra l-imsejha fil-kawza ma jistghu qatt jaghmluha legittima kontradittrici billi ma jregux fil-konfront taghha*.

Il-qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**<u>Fatti u kwistjoni</u>**.

1. L-attrici qeghda tippretendi li in vista ta' dak li ddispona zewgha ghandha kull dritt li tisbanka u ssarraf l-investiment kollha registrati f'ismu fid-data tal-mewt (17 ta' Frar 2011). Permezz ta' nota prezentata fil-25 ta' Ottubru 2012 u konfermata bil-gurament l-attrici ddikjarat li: *"…. Hija trid li jekk tigi bzonnhom tkun tista' tuzahom kif ried zewgha minghajr ma titlob l-karita' mingahnd uliedha. Fuq kollox ghalhekk hija u zewgha ghamlu din il-klawzola biex ma jigu bzonn hadd."*[4].
2. Uliedha Albert Borg u Marika Zamit, jaqblu ma dak li qeghda tippretendi l-attrici[5]. Hi biss l-imsejha fil-kawza li tippretendi li ommha ghandha biss tgawdi l-frott tal-investimenti u xejn iktar[6].
3. Originarjament l-attrici harrket lill-kumpanniji fejn issostni li hemm investiment registrat f'isem zewgha, bil-ghan li dan ighaddi f'isimha. Jidher li l-konvenuti riedu li jkun hemm il-kunsens tal-werrieta kollha. Min-naha taghhom kollha nsistew li l-werrieta ghandhom ikunu parti. Inoltre, kollha ddikjaraw li m'humiex legittimi kontradditturi[7].

---

[4] Fol. 42.
[5] Fol. 50-51.
[6] Ara twegiba guramentata a fol. 61.
[7] Fol. 18, fol. 23, fol. 27, fol. 33, fol. 35, fol. 38,

4. B’digriet moghti fis-27 ta’ Settembru 2012[8] il-qorti sejhet fil-kawza lil Rita Cassar.
5. Wara dak dikjarat fil-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2013[9], l-attrici rrinunzjat ghat-talbiet fil-konfront tal-kumpanniji[10].

**L-Ewwel Eccezzjoni**.

M’hemmx dubju li Rita Cassar ghandha nteress f’dawn il-proceduri gialadarba hi wahda mill-werrieta ta’ missierha u qeghda toggezzjona li ommha jkollha access ghal dak il-kapital li jifforma parti mill-wirt ta’ missierha.

Li tidher li nsiet Rita Cassar hi li s-sejha fil-kawza taghha saret meta kienu ghadhom parti mill-process il-kumpanniji konvenuti. Hi stess, fit-twegiba tal-14 ta’ Dicembru 2012, irrikonoxxiet li l-presenza taghha fil-kawza kienet mehtiega. Id-digriet tal-kjamat fil-kawza ma kienx intiz biex ikun hemm sostituzzjoni ta’ partijiet fil-kawza. Ir-rinunzja fil-konfront tal-konvenuti l-ohra saret wara li Rita Cassar iddahhlet fil-kawza. Jidher li wara li qieset l-eccezzjoni tal-kumpanniji konvenuti li m’humiex il-legittimi kontradittturi, l-attrici iddecidiet li tirrinunzja fil-konfront taghhom[11]. L-attrici kellha kull dritt li taghmel hekk. B’daqshekk ma ppregudikatx il-posizzjoni taghha fil-kawza. Inoltre lanqas ma jfisser li fis-sostanza l-konvenuti l-ohra ma kienux legittimi kontradittturi meta tqies li l-indikazzjoni hi li ma kienux lesti li jassumu responsabbilta ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Ewwel Artikolu tat-testment, u riedu li jkun hemm il-kunsens tal-werrieta kollha qabel ma jirrilaxxaw il-kapital. Certament li meqjus li s-sentenzi jifformaw stat fil-konfront biss ta’ min ikun parti

[8] Fol.12.
[9] Fol. 60.
[10] Nota prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2012 (fol. 64).
[11] Ara l-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2012. Jidher ukoll li qieset ukoll id-dikjarazzjoni li ghamlet bintha li *"... ghal dak li jirrigwarda l-investimenti intestati f’isem id-defunt Philip Borg u l-attrici konguntivament, jekk l-attrici tressaq prova li dawn l-investimenti kienu effettivament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnha u d-defunt Philip Borg, allura l-eccipjenti ma topponix li nofs dawn l-investimenti jigu inkassati mill-attrici u li dawn ikunu a disposizzjoni libera taghha."* (fol. 61).

fil-kawza, l-attrici setghet zammet ferm it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti l-ohra biex tkun certa li jekk l-ewwel talba tinqata' favur taghha, hadd mill-konvenuti l-ohra ma kien jista' jinvoka l-Artikolu 237 tal-Kap. 12, u b'hekk ukoll ikunu mgieghla mill-qorti li jwettqu dak li talbet fit-tieni talba.

Lanqas ma jista' jsir xi argument fis-sens li l-kjamat fil-kawza saret bil-ghan li jigu sostitwiti l-konvenuti. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li:-

(a) Kienet il-qorti li *ex officio* ordnat li Rita Cassar tissejjah fil-kawza. Dan kien l-ewwel digriet moghti mill-qorti qabel l-ewwel smiegh.
(b) L-Artikolu 175 tal-Kap. 12 stess jikkontempla li b'ordni tal-qorti jistghu jizdiedu u jitnaqqsu l-partijet. Rita Cassar qeghda tintilef f'aspetti procedurali meta ma sofriet l-ebda pregudizzju. Hu fl-interess taz-zewg partijiet li ladarba hemm din il-kwistjoni bejniethom jkunu jafu darba ghal dejjem min minnhom ghandu ragun.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**.

Il-konvenuta ssostni li m'hijiex il-legittima kontradittrici fir-rigward tat-talbiet tal-attrici. Eccezzjoni li m'hijiex kompatibbli mat-tieni eccezzjoni tat-twegiba li pprezentat fl-4 ta' Dicembru 2012[12]. Ghal darb'ohra hu evidenti li wara li l-attrici rrinunzjat ghall-kawza fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, bidlet il-linja ta' difiza ghaliex fl-eccezzjoni originali kienet qeghda ssostni li:

i. l-kumpannija konvenuti ma kienux legittimi kontradditturi.
ii. il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex ma kienux parti l-werrieta kollha ta' Philip Borg.

[12] *"Preliminarjament ukoll, din il-kawza giet intavolata kontra diversi entitajiet li ma humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tal-attrici, filwaqt li thallew barra l-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tal-attrici, ossia l-eredi l-ohra ta' Philip Borg. Ghalhekk ukoll qed tigi eccepita n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju."* (fol. 61).

F’kull kaz pero’ il-qorti m’ghandix dubju li Rita Cassar hi l-legittima kontradittrici gialadarba qeghda tippretendi li ommha ghandha biss dritt li bhala uzufruttwarja tigbor il-frott tal-investiment u mhux ukoll il-kapital. F’dan il-kuntest l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni minghand il-qorti li ghandha *“…. Dritt li tirtira u tinkassa quddiem kull persuna bank u awtorita’ ohra kull somma ta’ flus kapitali u titoli ta’ fondi pubblici li jghatu lil zewgha l-mejjet Philip Borg u li huma soggetti ghall-uzufrutt favur taghha….”*. Talba li trid bilfors issir fil-konfront ta’ Rita Cassar gialadarba, bhala wahda mill-werrieta ta’ missierha qeghda toggezzjona li ommha tizbanka u taghmel uzu mill-kapital. Dan qieghed iwassal biex il-kumpannija li maghhom hemm l-investiment m’humiex jilqghu t-talba tal-attrici biex l-investimenti jigu trasferiti f’isimha.

L-attrici ghandha nteress li jkollha d-dikjarazzjoni kontemplata fl-ewwel talba tar-rikors guramentat, sabiex jekk ikollha ezitu pozittiv ghaliha tmur bis-sentenza ghand dawk il-kumpanniji li kienu konvenuti u li ghandhom fil-pussess taghhom kapital f’isem it-testatur, sabiex l-investiment li hemm jinqaleb f’isem l-attrici.

Fir-rigward tat-tieni talba issa li l-kumpannija konvenuti nhargu mill-process, giet ezawrita. Minn qari tat-talba hu altru milli evidenti li dik it-talba kienet diretta u setghet tintlaqa’ biss fil-konfront tal-kumpannija konvenuti u hadd iktar. Pero’ in vista tal-konsiderazzjoni li ghamlet il-qorti dwar l-ewwel talba ma jfissirx li Rita Cassar m’hijiex il-legittima kontradittrici u li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni ulterjuri;**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni ulterjuri;**

**u tordna li jitkompla s-smiegh tal-provi. Spejjez a karigu ta' Rita Cassar**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------